

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Videjkonferenzi>Ġbir ta' provi permezz ta' vidjokonferenza

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [hu](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

Swipe to change

I-Ungeriż**Ġbir ta' provi permezz ta' vidjokonferenza****Ungerija****1 Huwa possibbli li l-evidenza tinġabar bil-vidjokonferenza jew bil-parteċipazzjoni ta' qorti fl-Istat Membru li jagħmel it-talba jew direttament f'qorti ta' dak l-Istat Membru? Jekk iva, x'inhuma l-proċeduri nazzjonali rilevanti jew il-liġijiet li japplikaw?**

L-Att III tal-1952 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi l-għażla għall-qorti, kemm fuq proposta ta' parti u kemm ex officio, illi tintervista lil parti, lil parteċipanti oħra fil-proċedimenti tal-qorti jew lil esperti, jew li teżamina xhud, permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq. Intervista permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq hija partikolarment adattata f'każijiet fejn din l-intervista tista' tħaffet il-proċedimenti jew fejn intervista f'post fejn qed jinstema' l-każ tkun diffiċli biex wieħed jorganizzaha jew tqum wisq flus.

Ir-regoli dwar l-intervisti permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq jinsabu fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

2 Hemm xi restrizzjonijiet dwar it-tip ta' persuna li tista' tiġi eżaminata bil-vidjokonferenzi – per eżempju, huma biss ix-xhieda li jistgħu jiġu eżaminati jew anke esperti jew partijiet oħra?

Mhemmx restrizzjonijiet fir-rigward tal-persuni li jistgħu jiġu eżaminati permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq. Dan il-metodu jista' jintuża għall-eżaminazzjoni tal-partijiet u l-parteċipanti l-oħra fil-proċedimenti tal-qorti, kif ukoll għax-xhieda u l-esperti.

3 Hemm xi restrizzjonijiet fuq it-tip ta' evidenza li tista' tinkiseb bil-vidjokonferenzi?

Netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq jista' jintuża biex jinstemgħu il-partijiet u l-parteċipanti l-oħra fil-proċedimenti tal-qorti, biex jiġu intervistati l-esperti jew għall-eżami tax-xhieda.

4 Hemm xi restrizzjonijiet fuq fejn persuna tista' tiġi eżaminata bil-vidjokonferenzi – i.e. trid tkun fil-qorti?

L-intervisti permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq jistgħu jsiru fil-bini tal-qorti jew ta' korp ieħor, fi kmamar mgħammra apposta.

5 Huwa permess li s-seduti tal-vidjokonferenzi jiġu rekordjati u jekk iva, din il-faċilità hija disponibbli?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma fihx dispożizzjonijiet dwar ir-rekordings bil-vidjo u l-awdjo ta' intervisti li jkunu saru permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq. Madankollu, l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi illi, f'każ ta' intervisti permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq, ir-rapport tas-seduta jrid ikun fih ukoll iċ-ċirkostanzi li fih tmexxiet l-intervista, u jindika l-persuni preżenti fil-kamra wżata għall-intervista.

6 B'liema lingwa għandu jsir is-smiġh: (a) fejn it-talbiet isiru taħt l-Artikoli 10 sa 12; u (b) fejn ikun hemm ġbir ta' evidenza taħt l-Artikolu 17?

F'każ ta' talbiet magħmula skont l-Artikoli 10 sa 12, japplika l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-proċedimenti tal-qorti jsiru bl-Ungeriż, iżda ħadd ma jista' jitqiegħed f'sitwazzjoni żvantaġġata minħabba li ma jkunx jifhem bil-lingwa Ungeriża. Matul il-proċedimenti tal-qorti, kullħadd għandu dritt juża l-lingwa materna jew lingwa minoritarja jew reġjonali tiegħu, kif previst fil-ftehimiet internazzjonali. Fejn ikun meħtieġ, il-qorti għandha l-obbligu tqabblad interpretu.

Fil-każ tat-talbiet magħmula skont l-Artikolu 17, is-seduta ta' smiġh issir mill-qorti rikjedenti skont l-Artikolu 17(6) u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru.

7 Jekk ikunu meħtieġa interpreti, min hu responsabbli biex jipprovdihom taħt iż-żewġ tipi ta' smiġh u fejn għandhom ikunu?

Fil-każ tat-talbiet magħmula skont l-Artikoli 10 sa 12, jekk ikun meħtieġ sabiex tintuża l-lingwa materna, reġjonali jew minoritarja, l-qorti għandha l-obbligu tqabblad interpretu.

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma fihx dispożizzjonijiet dwar fejn għandu jkun l-interpretu f'każ ta' intervista permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq.

Fil-każ tat-talbiet magħmula skont l-Artikolu 17, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17(4) u (6).

8 Liema proċedura tapplika għall-arranġamenti tas-smiġh u biex il-persuni jiġu notifikati dwar il-post u l-ħin? Kemm għandu jifhalla żmien meta tiġi f'fessata d-data tas-smiġh biex il-persuna jkollha biżżejjed żmien minn mindu tirċievi n-notifika?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma fihx dispożizzjonijiet speċjali dwar it-tassazzjonijiet għas-seduti li jsiru permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq. Iċ-ċitazzjoni għas-seduta ta' smiġh trid tintbagħat bil-quddiem sabiex ikun hemm ħin għall-irċevuta li tikkonferma li għet notifikata skont il-liġi u biex tiġi ritornata lill-qorti qabel is-seduta.

Jekk il-konvenut irid jiġi nnotifikat ukoll bl-ilment minbarra iċ-ċitazzjoni, is-seduta ta' smiġh trid ssir b'mod illi jkun hemm żmien biżżejjed biex l-ilment jiġi nnotifikat lill-konvenut, bħala regola ġenerali, tal-inqas ħmistax qabel id-data tas-seduta. Il-president tal-qorti jista' jqassar dan il-perjodu f'każijiet urġenti.

Fil-każ tat-talbiet magħmula skont l-Artikolu 17, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17(4) u (6).

9 Liema spejjeż japplikaw għall-użu tal-vidjokonferenzi u kif għandhom jifhallsu?

L-ispejjeż ivarjaw, u jridu jifhallsu mill-qorti rikjedenti.

10 Hemm xi kundizzjonijiet, u jekk iva, liema huma, biex jiġi żgurat li l-persuna eżaminata direttament mill-qorti li tagħmel it-talba tkun għet infurmata li s-smiġh isir fuq bażi volontarja?

Skont l-Artikolu 17(2), il-qorti rikjedenti trid tinforma lill-persuna konċernata illi s-seduta ta' smiġh mhix obligatorja.

11 Liema proċeduri jeżistu biex jvverifikaw l-identità tal-persuna li se tiġi eżaminata?

L-identità tal-persuna li se tiġi eżaminata permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq tiġi vverifikata abbażi ta' dan li ġej:

- l-informazzjoni mogħtija mill-persuna konċernata sabiex jiġu vverifikati l-identità u l-indirizz tagħha;

- il-preżentazzjoni, permezz tat-trażmissjoni ta' dejta b'immaġni ta' dokument ufficijali xieraq għall-indentifikazzjoni jew ta' dokument tar-residenza.

Il-qorti tuża wkoll mezzi elettroniċi jew mistoqsijiet diretti f'bażi tad-dejta biex tikkonferma li:

- l-informazzjoni mogħtija mill-persuna konċernata li se tiġi eżaminata permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq sabiex jiġu vverifikati l-identità u l-indirizz tagħha jaqblu mar-rekords;

- id-dokument uffiċċjali xieraq għall-identifikazzjoni u d-dokument ta' residenza ppreżentati mill-persuna li se tiġi eżaminata permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq jaqblu mar-rekords u għadhom validi.

12 Liema kundizzjonijiet japplikaw biex jittieħdu l-ġuramenti u x'informazzjoni hija meħtieġa mill-qorti li tagħmel it-talba meta ġurament ikun meħtieġ waqt it-teħid dirett tal-evidenza taħt l-Artikolu 17?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jipprovdi għall-għoti tal-ġurament waqt il-proċedimenti tal-qorti.

13 Hemm xi arranġamenti biex jiżguraw li hemm persuna ta' kuntatt fil-post tal-vidjokonferenzi li l-qorti li tagħmel it-talba tista' tagħmel l-arranġamenti magħha u persuna li tkun disponibbli fil-jum tas-smiegħ biex topera l-faċilitajiet tal-vidjokonferenzi u tindirizza xi problemi tekniċi?

Mhemmx dispożizzjonijiet legali speċjali ta' dan it-tip. Għandu jsir ftehim bejn il-qorti rikjedenti u dik rikjesta. Madankollu, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi għall-preżenza ta' persuna responsabbli għat-tħaddim u l-operat tat-tagħmir tekniku meħtieġ għall-intervisti permezz ta' netwerk tat-telekomunikazzjonijiet b'ċirkuwitu magħluq fil-kamra wżata għal dan il-għan.

14 X'jiġri jekk ikun hemm bżonn ta' xi informazzjoni addizzjonali mill-qorti li tagħmel it-talba?

Ġeneralment, l-ebda informazzjoni oħra mhi meħtieġa.

L-aħħar aġġornament: 16/10/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.